



Il-Premju Access City 2025

#EUAccessCity

Nota ta' Gwida għall-applikanti

Jekk jogħġbok aqra dawn il-linji gwida sew qabel ma tirreġistra. Hawnhekk se ssib l-informazzjoni kollha meħtieġa li se tgħinek timla kif support it-taqsimiet fil-formola tal-applikazzjoni u tiddekrivi l-attivitajiet tiegħek b'suċċess.

INFORMAZZJONI BAŻIKA

Lingwa: L-applikanti huma mħeġġa jissottomettu l-proposta tal-proġett tagħhom bl-Ingliż, sabiex jiffaċilitaw it-trattament tal-proposti u jħaffu l-proċess ta' evalwazzjoni. Madankollu, ta' min jinnota li se jiġu aċċettati l-proposti sottomessi bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE¹.

Mod ta' twassil tal-applikazzjonijiet: permezz tal-[għodda online](#)²

Skadenza: L-10 ta' Settembru 2024, 23:59 CEST

KIF GĦANDEK TIMLA L-APPLIKAZZJONI?

L-applikazzjoni tiegħek għandha tkun miktuba b'mod ċar u konkret kemm jista' jkun sabiex il-ġurija nazzjonali u Ewropea jkunu jistgħu japprezzaw l-isforzi tiegħek fil-

¹ L-UE għandha 24 lingwa uffiċjali: il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż.

² L-għodda online hija tkun aċċessibbli permezz tas-sit web tal-Premju Access City: ec.europa.eu/social/accesscityaward2025

qasam tal-aċċessibbiltà. Jekk jogħġbok iffoka fuq **fatti u numri**. Agħti **eżempji** li jinkludu **data kwalitattiva u kwantitattiva**. Kun ċert/a li **ppreżentajt b'mod ċar l-approċċ u l-istrateġija** tiegħek għall-aċċessibbiltà u li enfasizzajt **l-attivitajiet innovattivi u straordinarji** kollha li wassluk għas-suċċess f'dan il-qasam. Indika l-iskeda ta' żmien tal-attivitajiet: meta tnedew u x'se jkunu l-iżviluppi futuri.

In-numru massimu indikat ta' karattri disponibbli għal kull tweġiba jinkludi l-ispazji.

A / L-IDENTITÀ TAL-BELT

Deskrizzjoni qasira tal-belt

Hawnhekk inkludi xi informazzjoni bażika dwar il-belt tiegħek, il-morfoloġija u l-istorja tagħha sakemm dawn l-aspetti jista' jkollhom impatt fuq l-aċċessibbiltà (pereżempju jekk hijiex mibnija fuq art bl-għoljiet, jew jekk għandhiex ċentru medjevali b'toroq dojoq u ostakoli li joħolqu diffikultajiet għal utenti tas-siġġu tar-roti jew dawk neqsin mid-dawl).

B/ IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-INIZJATTIVI

Għal kull inizjattiva / azzjoni / programm, inkludi l-għan, l-oġettivi, il-benefiċjarji, id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tagħha. Uri l-approċċ globali u l-viżjoni ambizzjuża għall-futur biex tittejjeb l-aċċessibbiltà fil-belt tiegħek. Fejn possibbli, ikkwantifika l-livell jew il-perċentwal ta' aċċessibbiltà fiż-żoni ta' hawn taħt. Pereżempju: il-perċentwal ta' stazzjonijiet tal-metro aċċessibbli, l-ambjenti tax-xogħol, in-numru ta' vetturi, is-siti web, il-bini, l-amministrazzjoni pubblika eċċ.

Deskrizzjoni tal-inizjattivi fl-4 oqsma tal-aċċessibbiltà:

a) L-aċċessibbiltà għall-ambjent mibni u l-ispazji pubbliċi

Jekk jogħġbok iddeskrivi miżuri relatati mad-disinn taċ-ċentru tal-belt, it-toroq u l-bankini, il-parks, il-pjazez, il-monumenti u l-ispazji miftuħa, l-ambjenti tax-xogħol, is-swieq, il-festivals u avvenimenti oħra li jsiru fuq barra.

b) L-aċċessibbiltà għat-trasport u għall-infrastruttura relatata

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-miżuri relatati mal-parkeġġi ta' karożżi, ajruporti, stazzjonijiet tal-ferroviji u stazzjonijiet ta' karożżi tal-linja, taxis, ferroviji, karożżi tal-linja u trammijiet, prossimità, interkonnettività tat-trasport pubbliku u disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-vjaġġ.

c) L-aċċessibbiltà għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-miżuri relatati mal-aċċess għall-informazzjoni uffiċjali tal-awtoritajiet tal-belt. Pereżempju: aċċessibbiltà ta' informazzjoni multimedjali promozzjonali tal-muniċipalitá, pariri u proċeduri ta' rispons taċ-ċittadini dwar l-aċċessibbiltà tas-sit web, provvista ta' informazzjoni online fl-arti, il-kultura, id-divertiment, il-faċilitajiet sportivi, is-sinjali u gwida f'postijiet pubbliċi, fuq barra jew fuq ġewwa, informazzjoni għat-turist/viżitatur, aċċessibbiltà għall-kjoskijiet ta' informazzjoni pubbliċi, provvista ta' teknoloġija ta' assistenza u riżorsi tal-IT inklużivi għall-komunitá kollha fil-libreriji pubbliċi u ċ-ċentri online.

d) Aċċessibbiltà għal faċilitajiet u servizzi pubbliċi

Jekk jogħġbok iddeskrivi s-servizzi pubbliċi pprovduti mill-belt tiegħek (servizzi soċjali, kura tas-saħħa, żgħażaġħ, edukazzjoni, divertiment u attivitajiet u faċilitajiet rikreattivi u sportivi, kultura, servizzi ta' impjeg, taħriġ, akkomodazzjoni eċċ.) u indika sa fejn huma aċċessibbli. Jekk jogħġbok uri kif l-aċċessibbiltà hija kkunsidrata u integrata f'dawn is-servizzi. Minbarra s-servizzi speċifiċi għall-persuni b'diżabbiltà, jekk jogħġbok ipprovidi wkoll informazzjoni dwar kif is-servizzi ġenerali jsiru aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà. Tista' tagħti eżempji ta' formati alternattivi għas-servizzi tal-gvern elettroniku, kif ukoll eżempji ta' servizzi pprovduti b'mod multimodali u permezz ta' kanali differenti.

C/ SJIEDA / LIVELL TA' IMPENN

a) Iddeskrivi l-approċċ ġenerali tiegħek għall-aċċessibbiltà fil-belt tiegħek u kif timplimenta l-politika f'din iż-żona.

Jekk jogħġbok uri l-politika globali dwar l-aċċessibbiltà mwettqa fil-belt tiegħek. Pereżempju: inklużjoni tal-aċċessibbiltà fi strateġija koerenti jew qafas ta' politika; dikjarazzjonijiet ta' politika ta' livell għoli u impenji għall-aċċessibbiltà; integrazzjoni fil-politiki tal-belt u r-regolamenti tagħha; strutturi jew qafas biex jiġu implimentati/ikkoordinati/immonitorjati azzjonijiet ta' aċċessibbiltà, dipartiment(i) responsabbli, atturi ewlenin involuti, inizjattivi minn riżorsi tas-settur privat (jekk hemm) u persunal allokati; mekkaniżmu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, informazzjoni jekk belt wettqitx analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni tal-aċċessibbiltà.

D/ IMPATT

Jekk jogħġbok inkludi *data* kwantitattiva u/jew kwalitattiva sabiex tappoġġa l-impatt u l-effettività tal-inizjattiva u l-punt ta' riferiment tiegħek. Inti tista' ttella' links, dokumenti, paġni web jew materjal awdjoviżiv (films jew stampi) li juru r-riżultati u l-bidliet. Il-valutazzjoni tal-impatt trid tirreferi għal inizjattivi msemmija fit-Taqsima "Kamp ta' applikazzjoni tal-Inizjattivi".

a) Il-politiki tal-belt kif itejbu/tejbu l-aċċess ugwali u l-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabbiltà?

Jekk jogħġbok ipprovdni eżempji kif ukoll *data* kwalitattiva u kwantitattiva. Huwa importanti li jissema/jissemmew il-proġett(i) – jekk hemm li jinvolvi(u) persuni b'diżabbiltà intellettuali.

b) Dawn l-inizjattivi x'benefiċċji joħolqu, lil hinn mill-persuni b'diżabbiltà, għall-partijiet usa' tal-popolazzjoni?

Jekk jogħġbok ipprovdni eżempji konkreti.

E/ KWALITÀ U SOSTENIBBILTÀ TAR-RIŻULTATI

a) Kif tiżgura l-kwalità u s-sostenibbiltà tal-miżuri ta' aċċessibbiltà?

Il-kwalità tar-riżultati hija definita f'termini ta' titjib magħmul fil-livell tal-aċċessibbiltà u tal-konformità tagħha mal-istandards u mal-leġiżlazzjoni. Tista' tindika wkoll jekk l-inizjattivi tiegħek humiex relatati ma' kwalunkwe azzjoni lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropea.

Il-ksib ta' riżultati sostenibbli biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà sħiħa jeħtieġ sforzi kontinwi, l-istabbiliment ta' struttura soda u mekkaniżmi ta' monitoraġġ (verifiki, notifika u soluzzjoni regolari ta' problemi, it-trattament ta' taħriġ għall-ilmenti dwar l-aċċessibbiltà għall-persunal tal-belt eċċ.). Jekk jogħġbok ippreżenta l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni stabbiliti fil-belt tiegħek kif ukoll ir-riżorsi allokatati.

b) X'inhuma l-pjanijiet u l-inizjattivi tiegħek biex tkompli dawn l-isforzi fil-futur?

Jekk jogħġbok iddeskrivi u indika l-iskeda ta' żmien jekk possibbli.

F/ L-INVOLVIMENT TA' PERSUNI B'DIŻABBILTAJIET U SħAB RILEVANTI

a) Jekk jogħġbok iddeskrivi l-involviment ta' persuni b'diżabbiltà u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll ta' esperti dwar l-aċċessibbiltà kemm fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni kif ukoll fiż-żamma tal-politiki u tal-inizjattivi tal-belt immirati biex iżidu l-aċċessibbiltà.

Jekk jogħġbok iddeskrivi dawn l-attivitajiet billi tagħti eżempji. Fejn possibbli, jekk jogħġbok inkludi l-perspettivi ta' persuni b'diżabbiltajiet dwar l-aċċessibbiltà tal-belt.

b) Timplimenta azzjonijiet ta' tqajjim ta' kuxjenza jew ta' informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà? Tiskambja u taqsam esperjenzi u prattiki tajbin ma' bliet oħra fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew?

Jekk jogħġbok agħti eżempji; tista' ssemmi wkoll is-sħubija tiegħek f'tipi differenti ta' organizzazzjonijiet relatati mal-aċċessibbiltà eċċ.

c) Indirizzajt id-diżabbiltà f'inizjattivi oħra mwettqa mill-belt tiegħek? Jekk iva, tista' ssemmi kwalunkwe inizjattiva li ħadmet fuqha l-belt tiegħek, anke jekk ma kinitx indirizzata direttament lil persuni b'diżabbiltà, jekk ħadet miżuri biex ittejjeb l-aċċessibbiltà jew tqajjem kuxjenza dwar id-diżabbiltà u l-aċċessibbiltà.

Jekk jogħġbok iddeskrivi dawn l-inizjattivi billi tipprovdi eżempji u tagħti dettalji dwar il-miżuri relatati mal-aċċessibbiltà.

G/ GĦALFEJN IL-BELT TIEGĦEK JISTĦOQQILHA L-PREMJU?

Jekk jogħġbok ipprovdi preżentazzjoni qasira tal-politika u tal-azzjonijiet ta' aċċessibbiltà ġenerali tiegħek. Jekk jogħġbok spjega għalfejn ir-riżultati tiegħek u l-politika ta' aċċessibbiltà tal-belt tiegħek huma straordinarji u għalfejn temmen li l-belt tiegħek jistħoqqilha l-Premju.

Jekk jogħġbok iddikjara dak li l-belt tiegħek hija speċjalment kburiya bih. Tista' tindika x'jiddistingwi l-politika tal-aċċessibbiltà tiegħek u liema miżuri jistħoqqilhom jiġu promossi bħala eżempji tajbin għal bliet oħra.

H/ LIEMA MILL-INIZJATTIVI TIEGĦEK BIEX ITTEJJEJ L-AĊĊESSIBBILTÀ HUMA FFUKATI FUQ L-IŻVILUPP TA' INFRASTRUTTURA TAL-ISPORT AĊĊESSIBBLI?

L-Istrateġija tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà tiddikjara li kultura, sport u ħin liberu aċċessibbli u inklużivi, u attivitajiet rikreattivi huma essenzjali għall-parteciċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. Dawn iżidu l-benessri u jagħtu lil kulħadd inkluż persuni b'diżabbiltà, l-opportunità li jiżvilppaw u jutilizzaw il-potenzjal tagħhom.

Il-Kunsill enfasizza l-importanza fil-konklużjoni tiegħu dwar l-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabbiltà. ([https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019XG0607\(03\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019XG0607(03))).

Barra minn hekk, l-Ewropa se tospita l-logħob Olimpiku u Paralimpiku li jmiss, l-aktar avvenimenti sportivi internazzjonali importanti għal persuni bi u mingħajr diżabbiltà. Dawn se jsiru f'Pariġi bejn is-26 ta' Lulju u l-11 ta' Awwissu, u mit-28 ta' Awwissu u t-8 ta' Settembru 2024, rispettivament.

F'dan il-kuntest, l-Access City Award qed ifittex proġetti u inizjattivi li jispikkaw li, meta jellaboraw u juru x-xogħol mill-aqwa tagħhom dwar l-aċċessibbiltà, jirriflettu b'mod eżemplari l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-isport aċċessibbli, filwaqt li jqiegħdu wkoll il-parteċipazzjoni u l-viżjoni tal-komunitajiet lokali u partijiet interessati rilevanti fil-qalba tal-proċess.

Eżempji jistgħu jinvolvu t-trasformazzjoni fiżika ta' postijiet biex jitjiebu l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà. L-applikanti huma mistiedna juru, pereżempju, kif ambjent mibni ġdid, rinnovat jew riġenerat u spazji pubbliċi jistgħu jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà fl-isport.

Eżempji jistgħu juru wkoll kif avvenimenti sportivi, attivitajiet, proċessi, informazzjoni u prodotti jistgħu jkunu aktar aċċessibbli. Inizjattivi bħal dawn jistgħu wkoll iġibu bidla fil-perspettiva lejn il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà fl-isport.

L-intenzjoni hija li jiġu identifikati inizjattivi li jindirizzaw l-aċċessibbiltà fl-isport b'mod eċċellenti.

I/ FEJN SMAJT BIL-KOMPETIZZJONI GĦALL-PREMJU AĊĊESS CITY 2025

Jekk jogħġbok għidilna fejn smajt bil-kompetizzjoni. Aktar minn tweġiba waħda huma possibbli.

J/ MATERJAL TA' SOSTENN

Minbarra l-erba' dokumenti obligatorji li għandhom jittellgħu fuq il-portal (**id-Dikjarazzjoni tas-Sindku, id-Dikjarazzjoni fuq l-unur, il-Formola tal-Entità Legali u l-Formola ta' Identifikazzjoni Finanzjarja**), nistednuk ittella' – jew tibgħat link għal preżentazzjoni PowerPoint ta' għaxar slajds fejn tenfasizza u turi (eż. bi stampi) il-punti pożittivi tal-applikazzjoni tiegħek.

Inti tista' ttella' sa 5 fajls³ (daqs massimu ta' fajl wieħed huwa 10 MB) jew links. Il-fajls tista' ttellagħhom fil-lingwa nazzjonali tiegħek.

Il-fajls kollha li jittellgħu bħala materjal ta' sostenn iridu jingħataw isem adegwat. L-isem tal-fajl għandu jkun bl-Ingliż u għandu juri biċ-ċar dak li jirrappreżenta jew fih il-fajl.

Inti tista' tipprovdi informazzjoni addizzjonali fil-qosor dwar il-kontenut tad-dokumenti ta' sostenn fil-qasam tal-formola ta' aplikazzjoni taħt din it-taqsim.

³ Formati tal-fajls aċċettati huma: doc, docx, rtf, pps, ppsx, ppt, pptx, xls, xlsx, pdf, zip, gif, jpeg, jpg, png.

K/ PERSUNA TA' KUNTATT, LINKS FUQ IL-WEB U INDIRIZZ POSTALI

Hawnhekk għandek tipprovi d-dettalji kollha ta' kuntatt għall-persuna fl-amministrazzjoni tiegħek li hija responsabbli għal din l-applikazzjoni.

Jekk jogħġbok inkludi wkoll links għas-sit web tal-amministrazzjoni tiegħek u, jekk disponibbli, għal paġni dwar id-diżabbiltà u l-aċċessibbiltà.